# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 811

KAZ NRU. 884

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Jonathan Micallef

u

Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Illum : 21 ta' Marzu, 1997

**Chairman : Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.**

**INTRODUZZJONI**

Illi b'ittra datata 15 ta' Novembru, 1994, l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani rrefera din it-tilwima tax-xoghol ghat-temm obbligatorju taghha da parti ta' dan it-Tribunal ai termini tal-Art. 28(2) tal-Kap 266.

**PRELIMINARI**

Illi l-appellant permezz ta' li Statement of Case tieghu, stqarr li kien *sales representative* mas-Socjeta' intimata, u gie mkecci peress li ma

lahaqx is-*'sales target'* imposti fuqu. Dan ghal ragunijiet indipendenti mill-volonta' tieghu, ghalkemm kien fl-interess tieghu li jbiegh aktar kien ifisser aktar dhul ghalih.

Da parti taghha, s-Socjeta' intimata fli-Statement of Case taghha irreplikat illi apparti n-nuqqas grossolan tal-impjegat taghha fl-esekuzzjoni tad-doveri tieghu ta' bejgh huwa kien hati li kien qed jaghti nformazzjoni erronea volontarja lis-superjuri tieghu dwar il-kollezzjoni ta' flus mill-klijenti taghha. Fuq informazzjoni manifestament falza s-Socjeta' intimata kienet testendi kreditu llecitu lill-istess klijenti.

**XHIEDA**

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju, 1995 xehed 'de proprio' l-appellant. Huwa stqarr li l-kwistjoni kollha kienet fuq zewg punti - ossia n-nuqqas ta' bejgh u b'hekk ma kienx qed jilhaq it-*targets* imposti u/jew stabbiliti mill-kumpanija u kien qed jaghti nformazzjoni volontarjament skorretta fil-gbir tal-flus biex b'hekk il-klijenti taghha jigi estiz lilhom il-*credit* u hekk ikun jista' ikompli jbieghilhom u dana meta mhux suppost.

Fis-seduta tal-4 ta' Lulju, 1995 xehed Victor Brockdorff li spjega s-sistema adottata mill-kumpanija fir-rigward tal-procedura tal-bejgh tal-prodotti u effettivament x'kienu l-

funzjonijiet tal-appellant. Kompla jixhed fis-seduta tal-20 t'Ottubru 1995. Esebixxa Dok. VB 1 *sales order* - fejn indika li ma kinitx tindika r-realta' tal-pagament li fuqu allura kien jinhadem il-*credit terms*. Fis-seduta tal-1 ta' Dicembru, 1995 esibixxa l-file relattiv tal-appellant, inkluz il-korrispondenza li ghaddiet bejniethom inkluz li attirawlu ghal diversi drabi n-nuqqasijiet tieghu, u patafjun ta' *sales orders* li kienu mhallsin mill-appellant. In vista tal-operat tieghu ma kienx aktar affidabbli.

Xehed ukoll fl-istess seduta Peter Wirth, Sales Manager u superjur dirett ghall-appellant. Kien jipprepara r-rapport fuq l-informazzjoni lilu supplita minn kull salesman, inkluz extension ta' kreditu bbazat fuq gbir ta' flus. Kien hu li skopra l-agir tal-appellant u nforma mill-ewwel lis-superjuri tieghu. Stqarr ukoll li s-salesman li ssostitwieh mill-ewwel avvanza fil-bejgh.

L-appellant rega' xehed fis-seduta tad-29 ta' Marzu, 1997 fejn ipprova jitfa' l-htija tan-nuqqas ta' bejgh fuq l-istat ta' fatt allura vigenti fil-pajjiz, filwaqt li dwar in-nuqqas ta' realta' fid-dokumenti kien jaghmilha kullhadd.

Ix-xhieda ta' Mario Camilleri moghtija fit-18 ta' Gunju, 1996, ma kienet xejn illuminanti kif

del resto ta’ Carmelo Spiteri li xehed fit-8 ta’ Novembru, 1996.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi s-Socjeta’ intimata tibbaza t-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant minn maghha fuq zewg binarji - l-ewwel, in-nuqqas bazilari tieghu ta’ nuqqas ta’ bejgh u t-tieni, n-nuqqas ta’ lealta’ fl-ghoti ta’ informazzjoni preciza tal-gbir tal-flus li suppost li kien qed jigbor minghand il-klijenti tas-Socjeta’ intimata.

Illi jigi  ribadit illi x-xoghol tal-appellant kien ta’ Salesman. Ix-xoghol tal-appellant kien ferm importanti ghas-Socjeta’ intimata kif del resto huwa ghal kull socjeta’ li topera kummercjalment. Socjeta’ kummercjali bazata fuq bejgh ta’ prodotti tiddependi altament u sostanzjalment mis-servizz leali u genwin adoperat mis-salesman taghha. Servizz li ghandu jinghata bl-aktar responsabbilta’ u mpenn. Dana mhux biss fil-hegga tieghu biex ibiegh izda, wkoll f’dak kollu relatat mal-mansjonijiet tieghu, inkluz ghoti ta’ nformazzjoni korretta lill-principal tieghu.  Fuq din l-informazzjoni, l-kumpanija tkun tista’ tipprogetta, tipprepara u tevalwa in-necessitajiet taghha u tal-klijenti taghha ghal futur potenzjali u attwali sia taghha u sia tal-konsumaturi u tal-haddiema taghha stess.

L-appellant x’kien jaghmel? Kien jaghti nformazzjoni skoretta lis-superjuri tieghu relattiv liema nformazzjoni ma kinitx tirrispekkja l-attwalita’ tar-realta’ kif kienet qed tissucciedi. Fuq informazzjoni hekk kontra r-realta’ tal-fatti, il-principal kien jippjana l-futur socjali tieghu. Huwa ovvju li s-socjeta’ li qieghda hemm biex taghmel profitt sia fl-interess taghha u sia fl-interess magnanimu tal-haddiema stess ma tistax tippermetti agir danneggjanti simili. Aktar u aktar meta fuq din l-informazzjoni, il-kumpanija kienet tibbaza l-grad u estensjoni tal kreditu li jkollu jigi estiz lill-klijenti tal-kumpanija. Ma kienx ikun kaz ta’ misappropprijazzjoni billi effettivament is-salesman ma kienx fir-realta’ jigbor fizikament il-flus, izda jindika biss fid-dokumenti li gabar l-istess. Pero’ meta effettivament kien jigborhom, kien ighaddihom lill-kumpanija. Dana ovvjament kien jaghmlu biex il-klijent tieghu, li ma kienx qed ihallas puntwalment, pero’ xorta wahda kien jidher qed ihallas, u ghalhekk kien ikollu l-fakulta’ li jixtri u jigi supplit lilu *on credit terms* favorevoli. Il-lealta’ tas-salesmen kienet aktar tispetta lill-kumpanija stante x-xoghol/prodott kien taghha u stava a lei lil min testendi kreditu u fuq liema kostatazzjonijiet. Kienet totalment dipendenti fuq dawn, b’fiducja ghamja fih - jew tafda jew ma tafdax. Il-kumpanija ghazlet li tafda minghajr ma toqghod tivverifika fuqu. U kienet tippretendi li tigi moghtija l-verita’! Ma ghandhiex tigi punita fuq hekk!

It-tieni binarju jikkoncerna n-nuqqas tal-appellant fil-qadi tad-dmir principali tieghu li ghalieh kien imhallas ossia li jbiegh il-prodott tal-kumpanija tieghu. Jigi ribadit illi xoghol is-salesman huwa proprjament dan. Di fatti l-appellant gie impjegat mis-Socjeta' intimata precizament sabiex imexxi u jbiegh il-prodotti minnha messi ghad-dispozizzjoni tas-suq. Inoltre, biex jaghmillhom kuragg u jestendu inizjattiva, parti mis-salarju tas-salesman ikun ezattament jikkomprendi percentagg fuq il-valur tal-bejgh u/jew kwantita' tal-prodott. Ghalhekk illi din il-kariga hija ferm importanti fi kwalunkwe organizzazzjoni kummercjali. Apparti marketing u managment, is-salesman huwa l-*punto di forza* tal-kumpanija. Seta' kien il-kaz illi kien forsi zmien hazin ghal bejgh, pero' s-socjeta' intimata rnexxielha tipprova l-kuntrarju.

Illi t-Tribunal jirrileva in konkluzzjoni illi dawn iz-zewg binarji kongjuntivament u mhux independentement minn xulxin li ikkonvincew it-Tribunal sabiex jaghti affidament u verosimilita' lit-tezi tas-Socjeta' intimata.

**KONKLUZZJONI**

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi t-tkeccija tal-appellant da parti tas-Socjeta' intimata hija gusta u timmerita' konferma.

B'hekk din il-kwistjoni tax-xoghol tinsab definittivament terminata.

Ghal fini ta' tassazzjoni ta' drittijiet tal-konsulenti, t-Tribunal jiffissa l-ammont fis-somma ta' erbghin lira maltija (Lm40).

ft/Dr. Joseph P. Bonnici LL.D.
CHAIRMAN

----------------
George Attard
SEGRETARJU